# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 244/2014/VG**

**Alfred u Janet konjugi MARTIN**

**Vs**

**Jonathan SALIBA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-9 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimat ihallashom is-somma ta' elf tlett u tlett mitt Euro [€3,300] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Il-konvenut wettaq xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond sovrastanti l-fond 40B, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Fit-3 ta' Settembru 2013 u fis-6 ta' Novembru 2013 minhabba dawn ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni, x-xita li ghamlet ipperkolat kwantitajiet ta' ilma ghal gol fond ossia hanut tal-atturi bil-konsegwenza li l-atturi sofrew kemm damnum emergens u kemm lucrum cessans.
>
> L-atturi sofrew hsarat kemm fl-istruttura kif ukoll fl-ghodda li l-istess atturi ghandhom fil-fond ossia hanut sottostanti liema ghodda l-atturi juzawhom fil-gestjoni tan-negozju taghhom u ghalhekk sofrew anke telf ta' negozju".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-20 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi mhuwiex kontestat li pperkola xi ilma mill-fond tal-intimat, sovrastanti l-hanut tar-rikorrenti, pero' dan kien biss fit-3 ta' Settembru 2013, u mhux ukoll fis-6 ta' Novembru 2013;

Illi l-quantum mitlub huwa kontestat peress li l-intimat iqis li l-hsara sofferta ma teccediex it-tliet mitt Euro (€300) u di fatti tali somma giet offruta lir-rikorrenti permezz tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru 2013 li baqghet mhux imwiegba (Dok. B);

Illi bla hsara ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom jaghtu prova dettaljata ta' fiex tikkonsisti t-talba taghhom, anke in vista li tali talba zdiedet mill-ittra legali tat-22 ta' Novembru 2013 (Dok. A);

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, anke peress li minflok wiegbu ghall-offerta tal-intimat qabdu u pprezentaw din il-kawza;

Salvi risposti ulterjuri skond il-ligi";

Ra l-verbal tal-10 ta' Gunju, 2014 fejn l-Avukat Dottor Tonio Cachia ghall-intimat, b'referenza ghal hsarat li sehhew fil-fond tar-rikorrenti nhar it-3 ta' Settembru, 2013 ma huwiex jikkontesta r-responsabilita tal-perkolazzjoni tal-ilma mill-fond tal-intimat ghal gol-fond tar-rikorrenti izda qieghed jikkontesta biss il-kwantum tad-danni.

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €3,300 rapprezentanti din is-somma danni li huma sofrew minhabba perkolazzjoni ta' ilma mill-fond proprjeta ta' l-intimat waqt li dan ta' l-ahhar kien qieghed iwettaq xi xogholijiet fil-fond tieghu u li jinsab sovrastanti ghal dak tar-rikorrenti. Din il-perkolazzjoni sehhet f'zewgt okkazzjonijiet u cioe fit-3 ta' Settembru 2013 u fis-6 ta' Novembru 2013. Id-danni li talbu r-rikorrenti huma tat-tip *lucrum cessans* u *dannum emergens* u dan, komplew isostnu l-istess rikorrenti, peress li grat hsara fl-ghodda tal-hanut taghhom u ghalhekk sofrew anke telf ta' negozju.

2. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li ma huwiex kontestat li pperkola xi ilma mill-fond tal-intimat, sovrastanti l-hanut tar-rikorrenti, pero' dan kien biss fit-3 ta' Settembru 2013, u mhux ukoll fis-6 ta' Novembru 2013. Qal ukoll li l-*quantum* mitlub huwa kontestat peress li l-intimat iqis li l-hsara sofferta ma teccediex it-tliet

mitt Euro (€300) u di fatti tali somma giet offruta lir-rikorrenti permezz tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru 2013 li baqghet mhux imwiegba. L-intimat talab lill-intimati sabiex jaghtu prova dettaljata ta' fhiex tikkonsisti t-talba taghhom, anke in vista li tali talba zdiedet mill-ittra legali tat-22 ta' Novembru 2013 mibghuta mir-rikorrenti lilu.

Ikkunsidra;

3. Ir-rikorrenti **Alfred Martin** qal li l-intimat kien inkariga lil terzi sabiex jaghmlu xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq il-fond li huwa juza bhala Beatuty and Slimming Clinic fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Qal li dawn ix-xogholijiet fil-proprjeta tal-intimat kienu bdew isiru qabel it-3 ta' Settembru, 2013 u sad-data li xehed u cioe l-10 ta' Gunju, 2014 kienu ghadhom ma tlestewx. Minhabba dawn ix-xogholijiet, kompla jghid ir-rikorrenti, dahhalu l-ilma fil-fond tieghu u kkawzalu diversi hsarat. Fit-22 ta' Novembru, 2013 d-difensur tieghu kien kiteb lill-intimat u infurmah li kellhu b'€1,490.20c fi hsarat. F'dik l-ittra inghad ukoll li "*Din il-figura ma tinkludiex ix-xoghol li ghamlu l-klijenti taghna, loss of profits minhabba l-hsarat u l-ispejjes tal-perit*". Kompla jinghad fl-imsemmija ittra li "*Il-hsarat kkagunati fis-6 ta' Novembru ghadhom mhux stmati, pero jinkludu hsarat fil-fittings tal-vetrina u d-display unit. L-ispejjes hawn huma stmati ghall-madwar €1000*" (fol. 9). Ir-rikorrenti qal li huwa kien inkariga lil Perit Pierre Zammit sabiex jaghmillu rapport, liema rapport tlesta fid-19 ta' Settembru, 2013 u gie esebit a fol. 11-12 tal-process. Ghal dan ir-rapport, il-Perit Zammit zamm is-somma ta' €50 bhala drittijiet (dok. AM 9 a fol. 39). Ir-rikorrenti esebixxa kopja ta' ritratti li huwa kien ha ta' l-akkadut u dan sabiex juri l-hsarat li garrab il-fond tieghu. Dawn jinsabu esebiti a fol. 20 u 21 tal-process. Qal ukoll li huwa kien inkariga lill-Inginier Brian Micallef li fih hemm indikat il-prezz tat-tiswijiet li huwa kellhu jaghmel ghall-*power supply pads* li garbu l-hsarat minhabba dan l-ingress ta' ilma. Dan ir-rapport gie esebit a fol. 29 (dok. AM4). Skond dan ir-rapport, kien hemm €250 fi hsarat u €60 spejjez tar-rapport. Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa ghandux ricevuta fiskali ghar-rapport ta' l-Inginier Micallef, huwa wiegeb fin-negattiv. Ir-rikorrenti esebixxa ukoll xi stimi ta' oggetti li kellu jixtri minhabba li dawn garbu hsarat minhabba dan id-dhul ta' ilma fil-fond tieghu. Biddel ukoll is-sistema tat-*telephones* li garbet il-hsarat u din giet tiswa €155 (dok. AM 7 a fol. 37). In kontro-ezami huwa qal li s-socjeta li harget l-ircevuta fiskali u cioe Alfred General Trading Limited hija kumpanija tieghu. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti kompla jghid li "*Isle of Mobiles ma kellux ricevuta fiskali u tajtu wahda minn tieghi. L-Isle of Mobiles m'huwiex VAT registered u ma taghniex ricevuta*" (fol. 54). Stqarr li l-Isle of Mobiles ma huwiex negozju tieghu. Ir-rikorrenti qal li huwa kien beda jirranga dawn il-hsarat izda mbaghad f'Novembru ta' l-istess sena reggha dahallu l-ilma, din id-darba mill-gallarija tal-intimat. Qal li din il-gallarija ma kellhiex toqba biex jiskula l-ilma minnha u ghalhekk meta ghamelt ix-xita, din imtliet u saret qisu banju. L-ilma beda jiskula bil-mod il-mod fuq il-parti tal-hanut tieghu u l-vettrina li kellhu fuq dik il-parti tal-hanut gralha hsara kbira peress li kienet ta' l-injam. Qal li huwa inghata stima ta' €1173 biex ibiddel din l-istess vettrina (dok. AM5 a fol. 34). Sal-lum pero, huwa kien ghadu ma biddiliex. Dwar din l-istima, in kontro-ezami, huwa qal li din inharget minn Joachim Martin, li jigi t-tifel ta' ħuħ. Huwa qal li n-

neputi kien mar biex jara l-hsara fil-vettrina mal-ewwel minkejja li l-istima haregt fid-9 ta' Gunju, 2014. Talbu din l-istima fuq parir ta' l-avukat tieghu sabiex ikun jista jesebiha quddiem it-Tribunal. Huwa qal li l-ammont tal-hsarat li garrab huma ferm iktar minn dak li talab, pero irrinunzja ghalihom. Qal li hafna mix-xoghol li seta' jaghmel hu, ghamlu. Minhabba x-xogholijiet li kellhu jaghmel kawza tal-hsarat li garrab, huwa ghalaq ghal tlett ijiem. Ghar-rigward tal-magna maghrufa bhala IPL, ir-rikorrenti qieghed jitlob in-non uzu taghha ghal xitwa shiha u dan peress li din il-magna tintuza biss fix-xitwa.

In kontro-ezami, huwa qal li l-madum tas-suffett li huwa biddel jinsabu fil-maggjor parti taghhom fin-nofs tal-hanut imma hemm ukoll fil-genb. Huwa qal li ma jistax jiftah ix-shutter li hemm fuq il-bieb tal-hanut tieghu l-ghaliex din kienet mimlija *cement.* Qal li f'ghoxrin (20) sena li ilu fil-hanut qatt ma dahhalu l-ilma u kien biss wara li l-intimat beda jaghmel ix-xoghol fil-proprjeta tieghu li gralu hekk. Zied ighid li wara li l-intimat ghamel ix-xogholijiet necessarji fil-proprjeta tieghu ma baqghax jidhol ilma fil-proprjeta tieghu.

4. **Joseph Saliba**, missier l-intimat qal li kien cempillu ibnu l-intimat u kien qallu li kien diehel l-ilma fil-proprjeta tar-rikorrenti. Huwa mar fuq il-post flimkien ma Karmenu Debono, sid il-hanut tar-rikorrenti, u Isaac Grima l-bennej. Huwa seta jikkonstata li kien hemm zewg suffetti mifqughajn u naqra ilma mal-art. Qal li s-suffett kien qisu tas-sufra u allura li kieku kien hemm hsarat akbar minhabba l-ilma zgur li kien jidher. Muri l-kopji tar-ritratti a fol. 20 u 21 tal-process, ix-xhud qal li "*dak huwa dak li rajt dak inhar meta dhalt ma' Carmel Debono u l-bennej Isaac Grima*" (fol. 51). Zied ighid li kien hemm okkazzjoni ohra fejn ir-rikorrenti kien qallu li kien diehel l-ilma fil-hanut mill-gallarija ta' ibnu. Qal li "*jiena nzilt nara fejn kien dan l-ilma u stajt nara li kien hemm ftit ilma fuq in-naha ta' quddiem tal-hanut fil-genb*" (fol. 52). Huwa qal lir-rikorrenti li l-gallarija ma setatx izzomm ilma l-ghaliex din ma kienitx ghada mkahhla u allura l-ilma seta jghaddi mill-fili. Stqarr li l-gallarija tigi fuq bieb il-hanut. Dak-in-nhar hu u ibnu l-intimat "*rrangajna l-gallarija u l-problema ssolviet*" (fol. 52).

5. **Joachim Martin** qal li r-rikorrenti jigi zijuh. Zied ighid li huwa ghandu kumpanija li tiffinixxja l-postijiet. Qal li huwa kien mar fil-hanut tar-rikorrenti u ra l-hsara minn barra, minghajr ma zarma xejn. Huwa qal li kien ra l-istruttura tal-vettrina u r-rikorrenti talbu jaghmillu stima ta' kemm kienet ser tigi tiswa. Ikkonferma l-ammont imnizzel fuq dok. AM 5 a fol. 34 tal-process. Kompla jghid li bhala materjal hemm madwar €838 spejjez filwaqt li l-bilanc ta' €335 huwa xoghol ta' l-idejn. Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-vettrina setghetx tissewwa, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Ix-xhud qal li huwa kien mar jara l-hsarat madwar xahrejn qabel ma hareg l-istima. Huwa qal ukoll li bhala esperjenza huwa kien ilu ghaxar (10) snin jahdem ghal rasu u qabel dan kien ghamel hames (5) snin jahdem ma mastrudaxxa.

6. **L-Inginier Brian John Micallef** ikkonferma d-dokument minnu rilaxxat a fol. 29 tal-process (dok. AM 4) u qal li huwa ilu 13-il sena f'din il-professjoni. Ghar-rigward ta'

l-ewwel *item* imsemmi minnu fid-dokument a fol. 29 tal-process, u cioe "*power supply and Pads needed replacement*" dan tranga mit-*technician* tieghu Kevin Fenech u zamm l-ammont ta' €100 ghalih. Ghar-rigward tat-tieni *item* u cioe "*power supply needed replacement and display malfunction*" dan kellu jitbiddel u zamm l-ammont ta' €150 ghalih. Ghar-rapport zamm €60. Ir-rikorrenti ghalhekk hallsu s-somma ta' €310.

7. **L-intimat** xehed u qal li huwa kien qieghed jaghmel xi xogholijiet fil-proprjeta tieghu li tigi sovvrastanti l-hanut tar-rikorrenti. Qal li fl-ewwel incident, huwa ma kienx prezenti, izda peress li kien qieghed jaghmel xi xogholijiet fir-rigward tad-dawl, meta ghamlet ix-xita, din skulat ,it-toqob li kien ghamel. Qal li f'dan l-ewwel incident, ma tantx kien dahal ilma u dan kif anke juru r-ritratti esebiti mir-rikorrenti li juru biss ftit ilma fis-suffett. Qal li ma gheriqx kull ma hemm kif prova jaghti l-impressjoni r-rikorrenti. B'referenza ghat-tieni incident, huwa qal li kien qieghed jirranga l-gallarija tieghu li kienet fi stat hazin hafna. Qal li huwa iddecieda li jaghmel gallarija tal-gebel li "*ma kontx ghadni ksejtha u allura l-fili kienu ghadhom miftuhin, ghamlet ix-xita bil-konsegwenza li l-ilma dahal ghand ir-rikorrenti*" (fol. 67). Qal li l-gallarija tigi direttament fuq il-vettrina u l-bieb tar-rikorrenti. L-intimat esebixxa zewg ritratti f'dokument wiehed li gie mmarkat bhala dok. JS 5 (fol. 73). Qal li fl-ewwel ritratt li hemm f'dan id-dokument wiehed jista jara l-bankina u "*parti mix-shutter proprjeta tar-rikorrenti. Dan ir-ritratt ittiehed minni minn fuq. Minn dan ir-ritratt jidher illi x-shutter ma kienx maghluq u cioe ma kellux xi tip ta' ilqugh u allura l-ilma meta skula nizel minn hemmhekk. Fuq in-naha tax-xellug inti u thares lejn ix-shutter tar-rikorrenti nghid illi hemm l-ilqugh u allura minn hemmhekk l-ilma ma jistax jidhol*" (fol. 67). Huwa qal li l-bieb tal-hanut tar-rikorrenti ghandu l-ilqugh li jidher f'dan id-dokument. Biex tipprova tinstab soluzzjoni, huwa offra s-somma ta' €300 izda baqa ma hax risposta minghandu u imbaghad ircieva l-karti mill-Qorti.

   Huwa qal li fil-proprjeta tar-rikorrenti qatt ma dahal u dan peress li kien mar missieru. Qal li "*jiena ghar-rigward tal-ewwel episodju qed naqbel ma' dak li qed jghid ir-rikorrenti l-uniku kwistjoni li hemm bejnietna hija i ghar-rigward tat-tieni incident miniex naqbel illi sehhet dik il-hsara li r-rikorrenti qieghed jghid li sehhet*" (fol. 77). Kompla jghid li filwaqt li ghar-rigward ta' l-ewwel incident huwa ma huwiex jaqbel mal-ammont li qieghed jirreklama r-rikorrenti, ghar-rigward tat-tieni incident, huwa qed ighid li ma ghandu x'jaqsam xejn mieghu.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Illi l-intimat ma huwiex jikkontesta li l-proprjeta tar-rikorrenti kienet garbet hsarat minhabba ingress ta' ilma mill-proprjeta tieghu fit-3 ta' Settembru, 2013. Qieghed jikkontesta pero t-tieni incident li sehh fis-6 ta' Novembru, 2013.

9. Jigi osservat illi n-norma skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "*tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita` extra-kontrattwali u tenuncja r-regola illi l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-*

*terz*[1]". Komplimentari ma' dan il-principju hemm dak il-principju l-iehor li jafferma illi "*d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu ragonevoli biex inaqqas il-hsara, anke jekk mhux obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas dik il-hsara*[2]".

10. In linea ta' principju ġenerali, kull sid ta' bini hu prezunt li ghandu taht il-kontroll u disponibilita` tieghu mhux biss l-istruttura *ut sic* imma wkoll l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih. Gie ritenut f'dan ir-rigward mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Vella *et* -vs- Michael Cilia** deċiża fit-23 ta' Gunju, 2004 illi "*huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura illi jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali*".

11. L-istess Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited noe vs Doreen Vella et** deċiża fit-23 ta' April, 2010 kompliet tghallem ukoll li "*f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilita` hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilita` hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-kustodja tas-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu*".

12. Kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti illi "*strettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuza f'min igib fis-sehh l-event dannuz u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond*". Id-danneggjat hu gravat bl-oneru li juri li l-event gie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara.

13. Fil-kawza fl-ismijiet **Albert Farrugia -vs- Peter Galea *et***, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Frar, 2007 inghad li "*kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur*".

---

[1] Ara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "**Kevin Mifsud -vs- Sparkasse Bank Malta plc et**", 9 ta' Frar, 2005, li kienet tittratta kwestjoni ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-fond ta' l-attur minn fond viċin.

[2] **Antonio Mallia -vs- Catherine Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954.

14. Biex imbaghad l-intimat jista jiskansa ruhhu minn din ir-responsabilita` huwa kien jenhtieglu jipprova l-kaz fortuwitu, applikabbli sija fil-kaz ta' danni extra-kontrattwali (Artikolu 1029), sija fil-kaz ta' danni kontrattwali (Artikolu 1134, Kodici Civili).

15. Issa f'dan il-kaz, b'referenza ghat-tieni incident, huwa l-istess intimat li jaghti s-soluzzjoni ghal kaz. Fix-xhieda tieghu, huwa qal li kien iddecieda li jaghmel gallarija tal-gebel li "*ma kontx ghadni ksejtha u allura l-fili kienu ghadhom miftuhin, ghamlet ix-xita bil-konsegwenza li l-ilma dahal ghand ir-rikorrenti*" (fol. 67). Missier l-intimat jikkonferma dan meta qal fix-xhieda tieghu li kien hemm okkazzjoni ohra fejn ir-rikorrenti kien qallu li kien diehel l-ilma fil-hanut mill-gallarija ta' ibnu. Qal li "*jiena nzilt nara fejn kien dan l-ilma u stajt nara li kien hemm ftit ilma fuq in-naha ta' quddiem tal-hanut fil-genb*" (fol. 52). Mela allura anke dan it-tieni incident fejn dahal l-ilma fil-hanut proprjeta tar-rikorrenti ghandu jirrispondi ghalih l-intimat.

16. Nigu issa biex naraw il-kwistjoni tad-danni. Dan huwa l-iktar punt spinuz bejn il-partijiet l-ghaliex filwaqt li r-rikorrenti jghid li gratlu ferm iktar hsara minn dak li kien qieghed jirreklama f'dawn il-proceduri – ghalkemm huwa qal li kien qieghed jirrunzja ghal dak l-ammont li kien jecceddi l-kompetenza tat-Tribunal – l-intimat jichad dan bil-qawwa kollha u jghid li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa esagerat.

17. Bhala hsarat, ir-rikorrenti talab *damnum emergens* ghal hsarat li huwa garrab minhabba l-ingress ta' ilma u *lucrum cessans* minhabba li kellhu jinghalaq il-hanut sakemm saru x-xogholijiet. Ghar-rigward ta' dawn l-ahhar tip ta' hsarat, r-rikorrenti qal li "*qieghed nitlob pero il-loss of work u dan peress li ghamilna tlett (3) ijiem maghluqin*" (fol. 32). L-intimat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li "*din in-nota tikkoncentra biss fuq it-talba ghal damnum emergens peress li r-rikorrenti ma gabu ebda prova dwar lucrum cessans*" (fol. 78). It-Tribunal jghid li l-intimat ghandu ragun dwar dan. Ir-rikorrenti qal biss li huwa kellhu jaghlaq in-negozju tieghu ghal tlett ijiem, pero prova li hija prova dwar kemm tilef flus f'dawn it-tlett ijiem ma hemmx fil-process. It-Tribunal ma jhossx li ghal dan in-nuqqas huwa ghandu jiddeciedi *arbitrio boni viri* fuq dan l-aspett u allura sejjer jichad din il-parti tat-talba.

18. Imiss issa li jigu valutati l-provi ghar-rigward tad-*damnum emergens*. Ir-rikorrenti talab is-segwenti:

    i. Intensive Pulse Light (IPL) head unit. Fl-ittra datata 22 ta' Novembru, 2013 inghad li "*din kienet miksija bl-ilma u waqa is-suffett fuqha – valur €655 + freight*" (fol. 9). B'referenza ghall-ammont ta' €655, ir-rikorrenti, fix-xhieda tieghu jghid li dan l-ammont huwa ta' $655 (sitt mija u hamsa u hamsin dollaru amerikan). Dan il-prezz f'dollari amerikani huwa ikkonfermat mill-email datata 14 ta' Settembru, 2013 a fol. 22 (dok. AM 2). Fin-nota tieghu, l-intimat jghid li $655 dollari amerikani "*jigu madwar €560 mhux €655. F'kull kaz din l-ispiza hija kontestata ghaliex kieku verament gratilha l-hsara inbidlet u mhux thalliet kif kienet sa llum (xhieda tar-rikorrenti tas-26 ta' Gunju 2014) bl-iskuza li r-rikorrenti m'ghandux flus. In oltre ma ngabet*

*ebda prova ohra dwar din l-allegata hsara, kuntrarju ghal dak li gara fil-kaz ta' numru ta' items ohra kif jidher aktar 'l isfel*" (fol. 78). L-intimat jaqbel ma dak li jghid l-intimat ghar-rigward tal-valur. Ma dan l-ammont, it-Tribuna sejjer izid l-ammont ta' mitt euro (€100) *arbitrio boni viri* bhala spejjez tal-*freight*.

ii. Apple I-Pod 4GB (Model A1285) (Serial Number YM8415GU37K) li ma jissewwiex – valur €155. (ara dok. AM 8 a fol. 38 li jghid li dan *has been water damaged and is beyond economical repair*). Dwar dan, ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda dokument in sostenn u ghalhekk, it-Tribunal ma huwiex sodisfatt li huwa dovut xi hlas f'dan ir-rigward lir-rikorrenti.

iii. Bush I-Pod Speaker (Model ARG005) – dana bla valur ghax illum inkorporat. (ara dok. AM 8 a fol. 38 li jghid li dan *has been water damaged and is beyond economical repair*). Ir-rikorrenti mhu jitlob xejn ghal dan l-apparat.

iv. Panasonic Dual Cordless Phone – Valur €95. (ara dok. AM 8 a fol. 38 li jghid *has been water damaged*). Hemm Ricevuta fiskali rilaxxat mill-kumpanija tar-rikorrenti ghal ammont ta' €155 (dok. AM 7 a fol. 37) li tghid hekk "*Panasonic Dual Cordless + Speaker*". Fin-nota tieghu, l-intimat jghid li "*skond ix-xhieda tar-rikorrenti nniffsu tal-10 ta' Gunju 2014 iz-zewg items fuq imsemmija nxtraw godda flimkien €155 (Dok. AM 8 – datat 21 t'Ottubru 2013), u r-rikorrenti hareg ricevuta fiskali huwa stess ghalihom datata 21 t'Ottubru 2013 (Dok. AM 5). Ara wkoll Dok. AM 6 a fol. 31. F'kull kaz din l-ispiza hija kontestata peress li ma giet ipprezentata ebda prova dwar din l-allegata hsara (kuntrarju ghal items ohrajn) u huwa wkoll inverosimili li r-rikorrenti ghamel aktar minn sitt gimghat jopera n-negozju tieghu minghajr dan l-apparat*" (fol. 79). It-Tribunal jara li, minkejja kollox, huwa sodisfatt li r-rikorrenti huwa veritjier fix-xhieda tieghu u ma ntwera xejn li b'xi mod jista jxejjen din il-fehma tieghu ghalkemm kien ikun ahjar li kieku xehed Karl Attard ta' l-Isle of Mobiles. Jidher li r-rikorrenti xtara ukoll *speaker* mat-*telephones*. Ghalhekk l-ircevuta ssemmi l-ammont ta' €155. Konsegwentement, dan l-ammont ta' €155 huwa dovut.

v. 10 tiles tal-Gypsum 60x60 @ €2.56 kull wiehed – valur €25.60c. Dan l-ammont, skond in-nota tal-intimat mressqa fit-2 ta' Frar, 2015 ma huwiex ikkontestat.

vi. Power Supply pads, display screen – Valur €250 (dok. AM 4 a fol. 29). Dan l-ammont, skond in-nota tal-intimat mressqa fit-2 ta' Frar, 2015 ma huwiex ikkontestat. Fl-ittra datata 22 ta' Novembru, 2013, l-ammont taht din l-intestata huwa ta' €310, pero f'dan l-ammont hemm id-dritt professjonali ta' l-Inginier Brian Micallef, li huwa riportat aktar l-isfel.

vii. Pads ghall-Faradic Machine – Valur €249.60c. (dok. AM3 a fol. 23-26). Fin-nota tieghu, l-intimat jghid li "*a fol. 26 jirrizulta li dan l-item inxtara fit-30 t'Awwissu 2013 u cioe madwar gimgha qabel l-incident in kwistjoni. In oltre ma ngabet ebda prova ghal din il-hsara. B'hekk din il-pretensjoni hija kontestata ghaliex tali spiza zgur ma kinitx inkorsa in segwitu ghall-incident in kwistjoni*" (fol. 79). Fir-rejalta, d-dokument esebit a fol. 26 huwa *telegraphic transfer application form* u cioe meta r-rikorrenti ttrasferixxa l-ammont ta' €249.60c lis-socjeta estera ghal dawn il-pads. Dawn kellhom jaslu skond id-dok. AM 3 a fol. 23 fid-9 ta' Settembru, 2013, u cioe wara d-data ta' l-ewwel ingress. Ghalhekk, anke dan l-ammont huwa dovut.

viii. Hsarat fil-vettrina fl-ammont ta' €1173 (dok. AM 5 a fol. 34). Dwar din il-vettrina, l-intimat sostna li kien hemm diversi stimi ghaliha. Ghar-rigward tax-xhieda ta' Joachim Martin, huwa qal li dan ma huwiex kredibbli, ma jistax ikun li l-imsemmija vettrina tiswa €1173 l-ghaliex ma jaghmilx sens li mastrudaxxa jzomm €838 ghal materjal u imbaghad €335 ghax-xoghol (*labour*). F'kull kaz, kompla jghid l-intimat fin-nota tieghu, din il-vettrina ghadha tintuza sal-lum. Jirrizulta li l-vettrina ezistenti garbet il-hsara minhabba l-ingress ta' ilma. Ghalkemm hemm diversi diskrepanzi dwar il-valur, it-Tribunal jara li l-intimat ghandu jaghti xi tip ta' kumpens lir-rikorrenti minhabba dan il-fatt. It-Tribunal sejjer innaqqas dan l-ammont ghal din il-vettrina ghall-ammont ta' €900.

ix. Rapport tal-Perit Pierre Zammit fl-ammont ta' €50 (dok. AM 9 a fol. 39). Dan l-ammont, skond in-nota tal-intimat mressqa fit-2 ta' Frar, 2015 ma huwiex ikkontestat.

x. Rapport ta' l-Inginier Brian Micallef fl-ammont ta' €60 (dok. AM 4 a fol. 29). Fil-fehma tat-Tribunal, dan l-ammont huwa dovut l-ghaliex thallas lill-Inginier mir-rikorrenti u dan skond ma jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Inginier. F'kull kaz, dan ir-rapport kien mehtieg ghal proceduri odjerni.

19. It-total tad-danni reklamati f'dawn il-proceduri mir-rikorrenti, skont kif hawn fuq riportati jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €2773.20c. F'dan l-ammont ma hemmx il-*freight* ghal IPL Head Unit. L-intimat, ma kkontestax l-ammont ta' €325.60c. Kif jidher hemm qabza kbira bejn dak li qed jirreklama r-rikorrenti bhala danni u dak li qieghed jikkoncedi l-intimat li ghamel u li ghandu jwiegeb ghalih.

20. It-Tribunal, wara li ra d-dokumentazzjoni kollha, semgha x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, kemm dawk orali u kemm dawk in iskritt, u wara li ghamel ir-riflessjonijiet tieghu dwadwr kull *item* hawn fuq riportat huwa tal-fehma li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin euro u ghoxrin centezmi ta' euro (€2350.20c).

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti, limitatament ghal ammont ta' elfejn tlett mija u hamsin euro u ghoxrin centezmi ta' euro (€2350.20c) u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin euro u ghoxrin centezmi ta' euro (€2350.20c), bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, huma kollha a karigu tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**